MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1793/2002/1

**Boarding School (Malta) Limited**

**vs**

**Dimitri Alexandrov u Eugenia Alexandrova**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta’ April, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta’ seba’ mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm789) rapprezentanti s-somma ta’ hames mija u hamsin lira (Lm550) bhala danni kagunati mill-konvenuti lis-socjeta’ attrici talli naqsu li jirritornaw fil-hin *computer* u fis-somma ta’ mitejn u disa’ u tletin lira

(Lm239) (ekwivalenti ghal US$450) bhala *tuition fees* ghal taghlim moghti lil binhom;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1582/02 ipprezentat fl-ghaxra ta’ Lulju, 2002, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li fis-seduta ta’ l-1 ta’ April 2003 dehret id-difensur tal-konvenuti li ddikjarat li qed tikkontesta t-talba attrici peress li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Semgha x-xhieda ta’ Snejana Bodichtianou, Yevgeni Bodichtianou, Vladimir Sergeiev, Svetlana Lukiantchuk u Eugenia Alexandrova. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi l-atturi kienu taw computer lil Alexandrov Dimitri liema computer ma giex ritornat u li kien jiswa hames mija u hamsin lira (Lm550) skond l-invoice esebit Dok SB. Dana gie konfermat minn Snejana Bodichtianou d-Direttrici tas-socjeta’ attrici. Hija qalet illi kien hemm dovuti wkoll il-hlasijiet ghal taghlim ghal perjodu bejn l-1 ta’ Settembru 1999 sa l-1 ta’ Ottubru, 1999 skond ma jirrizulta mid-Dok SB 1.
2. Yevgeni Bodichtianou jikkonferma li hu stess personalment ikkonsenja l-imsemmi computer lil Alexandrov Dimitri. Il-fatt li l-computer inghata lill-konvenuti hu wkoll konfermat minn Vladimir Sergejev li kien Maintenance Manager mas-socjeta` attrici.
3. Svetlana Lukiantchuk ikkonfermat li kienet taghti lezzjonijiet lill-iben il-konvenuti u dana fuq perjodu ta’ cirka tlett xhur.
4. Il-konvenuta taqbel li baghtet lill-binha f’imsemmija skola, pero` skond hi binha dam hemm biss jumejn jew tlieta. Hi tammetti li harget lill-binha mill-iskola u tghid li baghtitu c-Chiswick House School. Skond il-konvenuta hi ma nghatat ebda invoice jew ricevuta. Skond il-konvenuta il-computer kien inghata bhala rigal ghal binha peress li tallega li taghthom $40,000 biex tghin l-iskola.

5. It-Tribunal jinnota li saret referenza ghall-skrittura a fol 44 tal-process, pero` ma hemm ebda prova li din l-iskrittura ghandha x'taqsam ma dan il-kaz.
6. Minn dak li xehdet il-konvenuta, it-Tribunal thasseb, in kwantu dwar is-somma allegatament moghtija, li ma kienetx xi somma zghira, ma kien hemm ebda dokumentazzjoni jew provi biex jikkorroboraw dak li qed jigi allegat. Dwar li l-computer ghadu ghand il-konvenuti, dan mhux kontestat.
7. Inoltre filwaqt li l-atturi gabu l-provi li juru li iben il-konvenuti dam fl-iskola tal-atturi xi tlett xhur, il-konvenuti ma gabu ebda provi biex juru il-kuntrarju, bhalma kien ikun x-xhieda tal-principal u dokumentazzjoni relattiva tal-iskola fejn intbaghat wara li inhareg mill-iskola tas-socjeta` attrici. Ghalhekk it-talbiet attrici jirrizultaw pruvati.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm789) bl-imghaxijiet mill-10 ta' Lulju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1582/02 tal-10 ta' Lulju, 2002 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti."

Il-konvenuti jattakkaw din is-sentenza essenzjalment fuq bazi duplici:

(i) It-Tribunal naqas li jaghmel apprezzament bilancjat u ragjonevoli tal-provi u li japplika, kif supost, ir-regoli procedurali in materja ta' dawn il-provi;

(ii) Kwantu jolqot it-talba ghall-hlas ta' taghlim ta' binhom fl-iskola din hi milquta bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-Artikolu 2148 (c) tal-Kodici Civili;

Is-socjeta` attrici ma wegbitx ghal dawn l-aggravji, u allura, apparti l-konsiderazzjoni li trid issir riferibilment ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata biss f' dan l-

istadju ta’ l-appell, jispetta lil din il-Qorti li tara u tissindika jekk it-Tribunal adit ghamelx tabilhaqq valutazzjoni kif jixraq tal-provi. Ezami dan li jista’ jikkonduci wkoll biex din il-Qorti, jekk jokkorilha, tasal sahansitra ghal konkluzjoni diversa minn dak li jkun wasal ghaliha t-Tribunal jekk issib, u tkun konvinta, illi altrimenti tkun ser tigi kagunata ingustizzja manifesta;

Jibda biex jigi puntwalizzat in linea ta’ osservazzjoni preliminari illi n-norma stabbilita fl-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura rigwardanti l-oneru tal-provi hi regola ta’ gudizzju in kwantu permezz taghha l-gudikant jehtieglu japproda ghal decizjoni fil-meritu. Dan aktar u aktar, imbaghad, fejn tkun tezisti l-incertezza dwar il-verita` tal-fatti allegati. Naturalment fl-ambitu tal-fattispeci kull tribunal ghandu dik ic-certa diskrezzjoni li jisselezzjona dawk il-fatti li, purke jkunu pruvati, jitqiesu minnu determinanti ghall-ahjar konvinzjoni tieghu. F’ kaz bhal dan huwa applikabbli l-kriterju generali tac-certezza morali tal-gudikant dwar il-verita` tal-fatti. Kif deciz “hi regola … illi l-fatt ghandu jkun sufficjentement pruvat meta l-gudikant ikun akkwista, bil-provi forniti fil-gudizzju, ic-certezza morali tal-verita` tal-fatti.” (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 525**);

Dan premess, din il-Qorti tibda biex tirregistra l-punt illi fil-fehma taghha huma dawn il-provi li kellhom jikkonkorru indistintament ghall-formazzjoni tal-konvinciment:

(1) Is-socjeta` attrici tabilhaqq ghaddiet lill-konvenuti l-kompjuter li tieghu qed jintalab il-hlas. Ara xhieda tal-konjugi Bodichtianou (fol. 30 - fol. 33), u dik ta’ Vladimir Sergeev (fol. 49), Maintenance Manager ta’ l-iskola attrici;

(2) Dan il-fatt tal-konsenja hu ammess mill-konvenuta Eugenia Alexandrova, pero` tikkontrapponga b’ difiza illi l-kompjuter gie regalat lilhom ghall-uzu ta’ binhom ghar-raguni li huma kienu ghenu l-iskola permezz ta’ *loan* sostanzjali;

(3) Riferibilment ghall-pretiza ghall-"*tuition fees*" jinghad minn Snejna Bodichtianou, direttrici ta' l-iskola, illi dan ikopri l-perijodu Settembru - Ottubru 1999 (fol. 34). Svetlana Lukiantachuk, ghalliema ta' l-iskola, tghid li ghallmet lil bin il-konvenuti "*for two or three months*" (fol. 51). Invece l-konvenuta gja msemmija tikkontendi li t-tifel taghha dam f' dik l-iskola "*for two or three days*" (fol. 57);

Hi l-fehma ta' din il-Qorti fuq ir-ri-ezami tal-provi senjalati, kif ukoll tac-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz, illi, fuq il-bilanc tal-probabilita` l-versjoni provvduta mill-konvenuti ghallanqas fil-kaz tal-kompjuter hi aktar verosimili u attendibbli. Dan in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Hu probabbli hafna li verament il-kompjuter *de quo* nghata b' rigal una volta giet mill-konvenuti prestata lill-iskola ghajnuna finanzjarja. Dikjarazzjoni din fornita mill-konvenuta li ma giet bl-ebda mod kontraddetta. Din il-konkluzjoni hi msahha wkoll mill-fatt illi kif mistqarr minn Snejna Bodichtianou "*It is not a normal procedure that we hand over a computer*" (fol. 33);

(2) Hu probabbli wkoll illi l-istanza odjerna, introdotta fit-23 ta' Lulju 2002, saret biss bhala forma ta' rejazzjoni ghall-fatt illi l-konvenuti kienu agixxew kontra l-konjugi Bodichtianou bi proceduri ghar-radd lura tal-*loan* (Citazz. Nru. 785/02/JRM). Proceduri li wasslu ghat-transazzjoni bl-iskritturi tas-6 ta' Settembru 2002 (Kopja esebita a fol. 44);

(3) In linea ta' principju fi kwestjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi il-kriterju mhuwiex daqstant dak jekk il-gudikant assolutament jemminx certa spjegazzjoni jew stqarrija imma jekk din l-ispjegazzjoni jew dikjarazzjoni hijiex possibbli fil-kwadru tac-cirkostanzi tal-kaz partikulari. Fil-kaz in diskussjoni din il-Qorti ma tarax li l-ispjegazzjoni tal-konvenuti appellanti ghandha tigi eskluza meta hi, kollox ma' kollox, possibbli, tenut qies ta' l-assistenza ekonomika akkordata. Ghal din il-Qorti hu ta' rilevanza apprezzabbli l-fatt li din l-ispjegazzjoni ma giet

bl-ebda mod newtralizzata jew kontradetta mis-socjeta` attrici;

Gjaladarba, in raguni ghall-premess, din il-Qorti qed tiddissenti mill-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal, l-aggravju fuq dan il-punt jimmerita allura li jigi akkolt;

Issa dwar it-talba ghall-hlas ghal "*tuition fees*" il-konvenuti appellanti jopponu fl-istadju ta' l-appell din il-pretiza fuq il-bazi ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni bid-dekorriment taz-zmien ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148 (c) tal-Kodici Civili. Artikolu dan li jaghmel l-azzjoni ghall-hlas tad-dritt preskritta fil-kaz ta' "djar ta' edukazzjoni jew ta' taghlim, ta' liema xorta jkunu". Dispost dan li jikkorrispondi ghall-Artikolu 2955 (3) tal-Kodici Civili Taljan, bid-differenza li f' dan il-kaz il-preskrizzjoni hi dik ta' sena;

Huwa indubitat illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' dejjem tigi sollevata fl-istadju ta' l-appell. Dan wara kollox hu hekk provvdut bl-Artikolu 2112 tal-Kapitolu 16. Naturalment jidher li hu pacifiku illi, kif sostnut fis-sentenza fl-ismijiet "**Francesco Calleja -vs- Luigi Falzon**", Appell Kummercjali, 12 ta' Lulju 1918 (**Kollez. Vol. XXIII P I p 952**), "*quando l' eccezione di prescrizione si solleva in seconda istanza vi è luogo ad accollare al convenuto eccipiente una parte delle spese del giudizio …*" Ara wkoll **Kollez. Vol. XXXIV P I p 329** u "**Paul Balzan *nomine* -vs- John A. Scicluna *nomine***", Appell, 3 ta' Dicembru 1999;

Mhux kuntestat illi l-hlas domandat jirreferi ghax-xahar partikolari Settembru - Ottubru 1999 (ara xhieda ta' Snejna Bodichtianou, fol. 43). Il-kawza giet invece introdotta fit-23 ta' Lulju 2002, jigifieri ferm aktar mit-tmintax-il xahar li tippreskrivi l-ligi. Ma jirrizultax li sar xi att interruttiv u lanqas ma ngiebet prova ta' xi rikonjizzjoni tad-debitu. Fic-cirkostanzi l-preskrizzjoni eccepita ma tistax ma tirciviex pjena akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b' hekk thassar is-sentenza appellata fil-meritu billi tichad it-talba tas-socjeta` attrici. Tordna pero` li l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet bid-dritt tar-Registru bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------